MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2009

Numru 1226/2009

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH AGIUS
VS
MARIA MAGDALENA SULTANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Maria Magdalena Sultana, ta’ 33 sena, bint Costantino u Windred nee’ Zarb, imwielda Attard fl-14 ta’ April 1976 detentrici ta’ Karta ta’ l-Identita’ numru 584676(M) u residenti numru 11, Triq Pawlu Burlo’, Hamrun.

Illi hija akkuzata hekk kif gej:

1. Talli f’dawn l-ahhar xhur ikkommettiet serq ta’ *cheque book* tal-Bank of Valletta mahrug fuq kont bankarju numru 40018611247 bi hsara ta’ Caroline Grech u l-Bank of Valletta;

2. Talli fit-18 ta' Novembru 2009 ghal-habta tal-12:00hrs, xjentement laqat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom u cioe cekkijiet misruqa;
3. Talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi ghamlet uzu minn polza, ordni, jew dokumenti ohra ffalsifikat, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan, minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;
4. Kif ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza;
5. U aktar talli fit-18 ta' Novembru 2009 ghal-habta ta' 12.00hrs, fil-hanut bl-isem ta' 'Mitronics' fi Triq Gorg Borg Olivier gewwa r-Rabat, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' Euro 1050 ghad-dannu ta' Michael Azzopardi, propjetarju tal-hanut 'Mitronics u/jew il-Bank of Valletta;
6. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halqet pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi, f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe iffalsifikat cekk numru 000015 mahrug fuq kont bankarju tal-Bank of Valletta bin-numru 40018611247;
7. Talli b'hekk saret recediva a terminu ta' l-Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) 04/05/2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mubdula;

8. Kif ukoll talli b'hekk kiser il-provedimenti ta' l-Aretikolu 22 tal-Kap.466 meta kkommettejt reat iehor wara li nghatat sentenza fejn giet illiberata taht kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tmintax-il xahar, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-25/06/2008 mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghha, l-Qorti ssib lill-imputata Maria Magdalena Sultana hatja ta' l-ewwel (1) akkuza, mhux hatja tat-tieni (2) akkuza li minnha tilliberaha stante li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza; hatja tat-tielet (3), tar-raba (4), l-hames (5), is-sitt (6), is-sebgha (7) u t-tmien (8) akkuza u wara li rat l-Artikoli 183, 184, 261, 308, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 23, 7 u 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputata taht Ordni ta' Probation ghal tlett snin taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

In oltre', il-Qorti tqieghed lill-imputata taht *Treatement Order* taht il-kura tal-Psikjatra Dr. Ethel Felice u Psikologa Klinika li tahdem maghha ghal perijodu ta' sena u nofs

b’dana li l-imputata ghandha tircievi, mill-inqas, *session* ta’ terapija darba kull xahar u dana ghal perijodu ta’ tmintax-il xahar.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta’ ta’ l-imputata, l-fatt illi hija *a single mother*, il-fatt illi hija mifnija bi problemi finanzjarji u l-fatt illi hija ricediva u ghandha bzonn tigi segwita minn professjonisti.

Il-Qorti tordna li l-kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services u lil Dr. Ethel Felice.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------